**266. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Billi skont is-subartikolu (18) tal-artikolu 25 tal-Att tal-1952 li jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impieg id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (15) (16) u (17) ta' dak l-artikolu għandhom jibqgħu jseħħu sal-31 ta' Diċembru 1985, iżda jekk fiż-żmien li d-dispożizzjonijiet ta' dawk is-subartikoli jkunu fis-seħħ il-Kamra tad-Deputati tgħaddi Riżoluzzjoni illi dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jibqgħu jseħħu għal żmien ieħor miż-żmien li xort'oħra jtemm, l-istess dispożizzjonijiet għandhom jibqgħu fis-seħħ għal dak iż-żmien ieħor;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi l-imsemmija dispożizzjonijiet ikomplu fis-seħħ għal żmien ta' sena oħra sal-31 ta' Diċembru 1986.

28.11.1985